MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 1769/2003

**Maltacom p.l.c**

**Vs**

**Carmelo Ghigo**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' Settembru 2003, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u sebgha u tmenin lira Maltin u sitta u sebghin centezmu (Lm487.76) rappresentanti prezz ta' servizz telefoniku li jgib in-numru 21252101 lima servizz gie nstallat fil-fond bin-numru ufficjali 6, Sqaq Santa Venera, Msida skond diversi kontijiet mibghuta lill-konvenut kif jirrizulta mill-prospett immarkat bhala Dok. A u mill-kuntratt immarkat bhala Dok. B.

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa’ ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda tal-PL Noel Scerri in rappresentanza tas-socjeta’ attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ erba’ mija u sebgha u tmenin lira Maltin u sitta u sebghin centezmu (Lm487.76), bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------